Network Dinji ta' Talb mal-Papa
Malta

# Network Dinji ta’ Talb mal-Papa

Adorazzjoni skont il-Fehma tal-Papa April 2023

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **biex tixtered il-paċi u n-non-vjolenza billi jitnaqqas l-użu tal-armamenti mill-pajjiżi u miċ-ċittadini.**




**Qari**: *Messaġġ tal-Papa Franġisku għaċ-ċelebrazzjoni Jum Dinji tal-Paċi 2014 – Fraternità, Pedament u Triq għall-Paċi*

Is-sena l-oħra ħafna minn ħutna, irġiel u nisa, baqgħu għaddejjin mill-esperjenza qarsa tal-gwerra, il-gwerra li tiftaħ ferita gravi u profonda fil-fraternità. Bosta hu dak il-ġlied li jispiċċa fl-indifferenza ġenerali. Lil dawk kollha li qegħdin jgħixu f’artijiet fejn l-armi jnisslu terrur u qerda, niżgurahom li jien personalment u l-Knisja kollha qegħdin qrib tagħhom. Il-Knisja għandha bħala missjoni tagħha li twassal il-karità ta’ Kristu, anke lil dawk il-vittmi minsija tal-armi u tal-gwerer, permezz tat-talb għall-paċi, permezz ta’ servizz lill-midrubin, lil dawk li m’għandhomx x’jieklu, lir-rifuġjati, lill-evakwati u lil dawk kollha li jgħixu fil-biża’. Il-Knisja tgħolli wkoll leħinha biex twassal lil dawk li huma responsabbli t-tnehida ta’ din l-umanità muġugħa u biex, barra l-ġlied, iwaqqfu wkoll kull abbuż ta’ poter u kull ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Mulej, inti kbir bil-bosta u l-għajn ta’ kull ħajja.
Inti l-kenn u l-blata tagħna! Kun int biss is-salvatur tagħna!
Nirringrazzjawk tal-ħniena u l-imħabba kbira tiegħek.
Kun int Mulej it-tama, l-għajnuna u l-ħelsien tagħna!
Għaliex inwarrbuk daqshekk u nitbiegħdu tant minnek Mulej?
Għaliex nafdaw iżjed fin-nies tad-dinja,
li jafu juru wiċċ b’ieħor, li jafu jimmanipulaw kollox,
u ma nafdawx lilek, int li int il-Ħallieq tagħna
u li qed iżżommna qawwijin u sħaħ?
Ħafna drabi, kif nisimgħu jew naqraw l-aħbarijiet,
ma jonqsux stejjer ta’ vjolenza fit-toroq tagħna u fid-djar tagħna,
stejjer ta’ ġlied, konflitti, gwerer u terroriżmu.
Irridu u ma rridux niftakru li qed ngħixu f’dinja mkissra,
mogħmija bit-tlellix fieragħ bħall-flus u l-poter.

Għinna, nitolbuk Mulej, biex aħna ma ninsew qatt
li aħna parti mill-Knisja tiegħek,
li għandha bħala missjoni tagħha li twassal l-imħabba tiegħek
lil dawk il-vittmi minsija tal-vjolenza, tal-armi u tal-gwerer.
Agħtina l-grazzja, Mulej, li nwettqu din il-missjoni bil-ħerqa
u biex flimkien naħdmu biex nibnu dinja aħjar,
dinja fejn inwarrbu kull xorta ta' vjolenza
u biex naħdmu għall-paċi fost il-bnedmin kollha.
Imla bid-dehen l-imħuħ tal-mexxejja tal-pajjiżi,
sabiex jaħdmu bis-serjetà u b'determinazzjoni
biex iwaqqfu t-tellieqa għall-armamenti,
u biex jaħdmu bis-sħiħ għal diżarm totali.
Agħtihom l-għajnuna biex jifhmu li fl-aħħar mill-aħħar
il-vjolenza, l-armamenti, l-armi nukleari u kimiċi
sejrin iwasslu għall-qerda tal-umanità.
Nitolbuk, Mulej, sabiex il-pajjiżi kollha
jimxu fuq il-vot storiku fin-Nazzjonijiet Uniti,
fejn il-maġġoranza tal-membri tal-komunità internazzjonali
ddeterminaw li l-armi nukleari mhumiex biss immorali,
iżda għandhom jitqiesu wkoll bħala mezz illegali ta' gwerra.

**KANT**

**Qari**: *Messaġġ tal-Papa Franġisku għaċ-ċelebrazzjoni Jum Dinji tal-Paċi 2014 – Fraternità, Pedament u Triq għall-Paċi*

Għal dan il-għan, nixtieq nappella bil-qawwa kollha lil dawk li bl-armi jiżirgħu vjolenza u mewt: erġgħu agħrfu bħala ħukom lil dak li llum qed tħarsu lejh bħala għadu biex teqirduh, u ieqfu. Iċħdu t-triq tal-armi u morru ltaqgħu mal-ieħor bid-djalogu, bil-maħfra u bir-rikonċiljazzjoni biex terġgħu tibnu madwarkom il-ġustizzja, il-fiduċja u t-tama. Meta nħarsu b'dan il-mod jidher ċar li fil-ħajja tal-popli l-ġlied armat dejjem iġib miegħu ċaħda intenzjonata ta' kull possibiltà ta' ftehim internazzjonali, u joħloq diviżjonijiet profondi u grieħi qerrieda li jkunu jridu ħafna snin biex jitfejqu. Il-gwerer jeqirdu fil-prattika l-impenn biex jintlaħqu miri ekonomiċi u soċjali kbar li għalihom twaqqfet il-komunità internazzjonali.

B'danakollu, sakemm ikun hemm kwantità hekk kbira ta' armamenti fiċ-ċirkolazzjoni bħalma hemm illum, dejjem jinstabu skużi ġodda biex jinbeda l-ġlied. Għalhekk, nagħmel tiegħi l-appell tal-Predeċessuri tiegħi kontra t-tixrid tal-armi u favur id-diżarm minn kulħadd, u nibdew mid-diżarm tal-armi nukleari u kimiċi.

Nitolbuk, Mulej, agħtina d-dehen biex nifhmu
dak li qal il-Papa Franġisku,
li l-fraternità hija l-pedament u l-unika triq għall-paċi.
Agħti l-kuraġġ lill-mexxejja kollha
sabiex jifhmu li, fejn hemm konflitti u nuqqas ta' qbil,
huma għandhom jiċħdu t-triq tal-armi
u jmorru jiltaqgħu mal-ieħor bid-djalogu, bil-maħfra u bir-rikonċiljazzjoni,
biex jerġgħu jibnu madwarhom il-ġustizzja, il-fiduċja u t-tama.
Nissel fil-qalb ta' kull raġel u ta' kull mara
ferħ u tama, li jiġu minn sens ta' fraternita' ma' ħuthom il-bnedmin.
Agħmel Mulej, li fil-ħajja tagħhom ta' kuljum
huma jitħeġġu biex jibnu dinja aħjar
fejn isibu fil-bnedmin l-oħra, mhux għedewwa jew rivali,
iżda aħwa li jilqgħu u jħaddnu lil xulxin.
B'hekk, Mulej, huma jaslu biex iħarsu lejn kull persuna
bħala membru tal-familja tagħhom umana;
sabiex jibnu soċjetà ġusta, mimlija paċi dejjiema
u solidarjetà ma' min ikun fil-bżonn jew minsi minn kulħadd.
Jalla, Mulej, ilkoll inkunu lesti li noffru l-għajnuna u s-sapport
lil kull min hu dgħajjef, lil kull min hu mwarrab u abbandunat,
lil dawk li jinsabu bil-ġuħ,
lil dawk li jinsabu bla saqaf fuq rashom,
lill-vittmi tal-gwerer, tal-kunflitti u tal-vjolenza,
u dawk li jsofru xi tip ta' vjolenza domestika.
Sabbar, Mulej, nitobuk, lil dawk
li minħabba l-vjolenza, tilfu l-għeżież tagħhom.
Kun ma' dawk kollha li
tilfu kull sens ta' sigurtà u paċi, minħabba l-inġustizzja.
Kun int ta' kenn u konfort għalihom f'dan iż-żmien diffiċli.

Nitolbuk, Mulej, biex, kif qal il-Papa Franġisku,
*ma nħallux li l-"globalizżazzjoni tal-indifferenza"*
*bil-mod il-mod "iddarrina" t-tbatija tal-ieħor, u ningħalqu fina nfusna.*
Agħtina d-dehen, Mulej, biex nagħrfu li s-soċjetà hi magħmula
*minn aħwa li jilqgħu lil xulxin u jieħdu ħsieb wieħed lill-ieħor*.
Għalhekk, agħti l-kuraġġ lil dawk kollha responsabbli
biex jisimgħu l-appell tal-Papa
kontra t-tixrid tal-armi u favur id-diżarm totali minn kulħadd.
Għinhom biex jibdew, kemm jista' jkun malajr,
bid-diżarm tal-armi nukleari u kimiċi.
li jġibu tant ħerba, terrur, qerda, niket u mewt.

## KANT

### Nitolbu flimkien

Mulej, il-Papa Franġisku qal li: *il-familja hija l-għajn ta' kull fraternità, u għalhekk hija wkoll il-pedament u t-triq ewlenija tal-paċi; għaldaqstant, mill-istess vokazzjoni tagħha ddakkar id-dinja bl-imħabba tagħha.*

Għalhekk nitolbuk Mulej sabiex tgħin lill-familji biex ikunu skola ta' mħabba, solidarjetà, maħfra u għaqda permezz ta' rwoli responsabbli u komplimentari tal-membri kollha tal-familja, speċjalment tal-missier u tal-omm.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej għall-vittmi tal-gwerer, armamenti u vjolenza, u għal dawk li tilfu l-maħbubin tagħhom fil-gwerra. Agħmel, Mulej, li jsibu min jissapportjahom u joffrilhom l-għajnuna kollha li għandhom bżonn sabiex jerġgħu jiksbu l-paċi interna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex il-gvernijiet tal-pajjiżi madwar id-dinja ma jkomplux ikabbru l-ħażna tal-armamenti, speċjalment dawk nukleari u kimiċi, biex b'hekk ma jkomplux jużawhom biex jintimidaw lil xulxin.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex il-pajjiżi madwar id-dinja jaħdmu bis-serjetà biex ikollna koeżistenza paċifika bejn il-membri tal-familja umana.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej biex tagħti d-dehen lill-gvernijiet sabiex huma u jaħdmu għall-paċi dejjiema, ikunu ispirati minn etika ta' solidarjetà u mhux ta' sens falz ta' sigurtà minħabba l-ħażna tagħhom ta' armi ta' qerda massiva, speċjalment dawk nukleari u kimiċi.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitobuk għal dawk li mietu minħabba l-vjolenza. Agħtihom, Mulej, is-serħan ta' dejjem u lqagħhom fi ħdanek, ħalli fl-aħħar jistrieħu fis-sliem għal dejjem.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.